ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-378 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Robert Buhagiar u s-Sinjura Anna Calleja. Is-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija u s-Sur Kevin Plumpton fis-6.45 ta' filgħaxija.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-377 laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Buhagiar tkellem dwar il-Laqgħa Plenarja li saret nhar is-Sibt, 20 ta' Novembru, 2010. Is-Sur Buhagiar qal li waqt din il-laqgħa kien ressaq diversi punti lill-Onorevoli Helen D'Amato fosthom it-talba li kienet saret mill-Kap tal-Iskola Primarja B biex il-Kunsill jipprovdi trasport mill-iskola sa l-*Inspire* u lura għat-tfal bi bżonnijiet speċjali li jattendu l-'*Inspire Winter Programme*'.

Is-Sur Buhagiar qal ukoll li waqt il-laqgħa semma wkoll it-talba li kien għamel il-Kunsill biex issir *zebra crossing* fi Triq Bieb is-Sultan quddiem il-*football ground* ta' St.Patrick's FC.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva rapport dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq iż-Żagħrun, fejn is-sewwieq talab kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li ssir spezzjoni fuq il-post mill-Perit tal-Kunsill u tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA dwar sit fi Sqaq San Mikiel fejn il-Kunsill ġie nfurmat li wara investigazzjonijiet u l-interventi tal-uffiċjal tal-infurzar inkarigat, il-ħnejja li kien hemm fil-bidu ta' dan l-isqaq reġgħet ġiet mibnija fl-istat oriġinali tagħha.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja dwar il-ħatra tal-Kunsillier is-Sur Joseph Buttigieg fil-kariga ta' President tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja Dr Francis Chetcuti ta' Ħaż-Żabbar, li tagħmel parti mill-Kulleġġ Santa Margerita. Il-Kunsill feraħ lis-Sur Buttigieg għal din il-kariga.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Aurelia fejn il-Kunsill intalab jidentifika sit sabiex titwaħħal tabella għall-avviżi maħruġa għall-pubbliku mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li dan in-*notice board* jitwaħħal maġenb l-Għassa tal-Pulizija fi Triq iċ-Ċawsli.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Radju Hompesch dwar jekk il-Kunsill kienx se jwassal ix-xewqat tiegħu tal-Milied għal din is-sena bejn id-19 u il-25 ta' Diċembru, 2010 għall-prezz ta' €30. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jwassal il-messaġġ tiegħu għal Milied permezz tal-programm Kunsill Lokali Live li jmiss u m'għandux jagħmel spejjeż biex jgħati l-awguri tiegħu. Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-intenzjoni tal-Kunsill illi jittermina l-ftehim ta' ġemellaġġ ma Villabate. Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li kien tal-parir illi l-Kunsill għandu jara x'hemm fil-ftehim ta' ġemellaġġ li kien iffirma u jekk hemmx xi klawsola dwar dan. Jekk m'hemmx, il-Kunsill għandu jikteb lill-Kunsill ta' Villabate fejn jinfurmah bid-deċizjoni li jtemm il-ġemellaġġ. Is-Sur Bonnici qal li rappreżentant minn Villabate kien ġej biex jiddiskuti mal-Kunsill u għalhekk ippropona li qabel jiġi terminat dan il-ġemellaġġ, il-Kunsill għandu jistenna l-esitu ta' din il-laqgħa. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Inqara invit mibgħut mill-Kunsill Ċiviku Żabbar għal Lejla Kulturali 'Merħba lix-Xitwa' li ser issir nhar it-Tlieta, 21 ta' Diċembru, 2010 fis-6.30 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Charles Mizzi li talab lill-Kunsill biex triq mingħajr isem fil-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar tissemma għal Patri Joe Gauci. Fuq proposta

tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tissemma triq għal dan il-qassis.

Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn żewġ artisti Żabbarin dwar l-għażla ta' artist Żabbari biex jesebixxi x-xogħlijiet tiegħu f'esebizzjoni li ser issir f'Mejju li ġej f'Eschborn, il-Ġermanja. Is-Sur Buttigieg qal li l-Kunsill mexa skond id-dati stipulati fl-avviż li deher fil-ġurnal lokali u jinfurmahom li l-għażla tal-Kunsill kienet skond il-kriterji li kienu ġew stabiliti.

Inqrat ittra mibgħuta minn Zabbar Scout Group dwar talba għal għajnuna biex jitjiebu l-kwartieri tagħhom. Peress illi skond ir-regolamenti finanzjarji tal-Kunsilli Lokali din l-għajnuna ma tistax tingħata, l-Kunsill ma setgħax jilqa' din it-talba.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Novembru, 2010 u l-15 ta' Diċembru, 2010 li kien jammonta għal €49,696.20. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2010 li kien jammonta għal €59.88. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 10/2010)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi ħames offerti għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 10/2010). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| Kuntrattur | Prezz | Dokumenti |
|---|---|---|
| Dimbros Ltd | €6,500 fis-sena | Mimlija u ffirmata |
| Christopher & Ronald Bezzina | €3.25 (*per call*) | Mimlija u ffirmati |
| David Grech | €3.40 (*per call*) | Mimlija u ffirmati |
| Alexander Fenech | €3.48 (*per call*) (sa massimu ta' erba' oġġetti) | Mimlija u ffirmati |
| Marvic & Sons | €5.00 (*per call*) | Mimlija u ffirmati |

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-offerta mingħand is-Sinjuri Christopher & Ronald Bezzina.

Fis-7.25 ta' filgħaxija is-Sur Buhagiar talab li jkun skużat.

*Performance Bonus* tal-impjegati

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisal* tal-impjegati għall-perjodu 1 ta' Jannar 2010 – 31 ta' Diċembru 2010. Is-Sindku ppropona li l-impjegati jingħataw *performance bonus* ta' 5%. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Grech u l-Kunsill qabel b'sitt voti favur u żewġ voti kontra.

Il-Kunsill ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Bonus Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu 1 ta' Jannar 2010 – 31 ta' Diċembru 2010. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu tal-*performance bonus*.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi peress li s-sena l-oħra ma kienx possibli għal uħud mill-impjegati tal-Kunsill li jagħmlu użu sħiħ mill-ġranet ta' *vacation leave* minħabba esiġenzi ta' xogħol, qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' ġranet mill-*vacation leave* ta' sena 2010 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tal-impjegati tas-sena 2011 kif ġej:

| | |
|---|---|
| Duncan Busuttil<br>(Segretarju Eżekuttiv) | 16 il-ġurnata u 3 siegħat u nofs |
| Isabella Testaferrata De Noto<br>(Assistent Amministrattiv) | 19 il-siegħa u nofs |
| Stephanie Testaferrata De Noto<br>(Assistent Amministrattiv) | 9 t'ijiem |
| Mary Rose Caruana<br>(Uffiċjal Eżekuttiv) | 50 siegħa |

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament li dawn il-ġranet ta' *vacation leave* jiġu akkumulati mal-*vacation leave entitlement* tal-impjegati għas-sena 2011.

Fit-8.30 ta' filgħaxija s-Sinjura Calleja u s-Sur Plumpton talbu li jkunu skuzati.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-lista tan-numru ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary* bejn il-31 ta' Diċembru, 2009 u l-15 ta' Dicembru, 2010 li kienu jammontaw għal 25 *soft bound* u 1 *hard bound*. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tal-Viċi-Sindku li giet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Nominazzjonijiet għal Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li jitressqu n-nominazzjonijiet għall-Onorifiċenzi Ġieħ Ħaż-Żabbar u Ċertifikat ta' Ħajr li ser jingħataw mill-Kunsill f'Jum Ħaż-Żabbar – 1 ta' Frar, 2010.

Ġieħ Ħaż-Żabbar

Il-Viċi-Sindku ppropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sur Lawrence Buhagiar għall-ħidma tiegħu fil-Parroċċa. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buttigieg ippropona li Ġieħ Ħaż-Żabbar għandu jingħata lis-Sur Joseph Fenech għall-ħidma tiegħu fil-komunita` b'mod partikulari meta kien Sindku ta' Ħaż-Żabbar. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Ċertifikati ta' Ħajr

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur John Camilleri għall-kontribut tiegħu fil-qasam kulturali.

Il-Viċi-Sindku ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sinjorina Margot Tabone għall-ħidma tagħha fil-qasam soċjali. Is-Sur Buttigieg ssekonda l-proposta tal-Viċi-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sur Tarcisio Magri għall-ħidma tiegħu fl-organizazzjoni tal-pellerginaġġ annwali tar-roti u muturi. Il-Viċi-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pace ppropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lis-Sur Joseph Meli għall-karriera tiegħu fiċ-Ċivil. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buttigieg ippropona li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lill-Kummissjoni Żgħażagħ taż-żewġ soċjetajiet mużikali ta' Ħaż-Żabbar. Il-Viċi-Sindku ssekonda lis-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lil Fr Keith Scicluna għall-ħidma tiegħu fil-qasam pastorali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir użu mis-siġill uffiċjali għaċ-ċertifikati ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u ċ-Ċertifikati ta' Ħajr.

Inqraw il-minuti tal-ħames u tas-sitt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija

Duncan Busuttil,
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-379 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 5 ta' Jannar 2011

Domenic Agius
Sindku